KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 376

It-Tnejn 2 ta' Settembru 2019

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-sitta ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sindku Kurstein Nicholas Sant
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Dominic Grech
Il-Kunsillier Adrian Farrugia
Il-Kunsillier Francine Farrugia

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Ħadd ma kien assenti

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**376.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**376.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-Minuti tas-Seduta 375.

**376.2 Punti li joħorġu mill-Minuti**

**376.2.1** 375.2.1 Is-Sindku qal li kien intalab il-parir tal-Perit tal-Kunsill u saret is-sottomissjoni. Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li ma ġietx kkonsultata bis-sottomissjoni finali qabel intbagħtet. Is-Sindku wieġeb li s-sottomissjoni kienet ibbażata fuq il-pożizzjoni tal-Kunsill preċedenti fuq applikazzjonijiet ta' solar farms barra miż-żona tal-iżvilupp.

**376.2.2** 375.3.1 Is-Sindku iċċara li qed isiru diskussjonijiet bejn l-Avukat tal-Kunsill u l-Avukat tal-Kuntrattur biex isir qbil fuq l-ammont li jrid jitħallas, wara li anka jiġu kkunsidrati l-penali, x-xogħlijiet li wettaq il-Kuntrattur u ġew ċertifikati mill-perit tal-Kunsill, u xogħlijiet li kienu inklużi fit-tender u ma twettqux.

**376.2.3** 375.3.2 Is-Sindku qal li peress li ma kienx hemm tweġiba minn naħa tal-Ministru, reġgħet intbagħtet tfakkira.

**376.2.4** 375.3.3 Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit talbet biex is-sottomissjoni tiġi ċirkulata lill-Kunsilliera kollha qabel tiġi sottomessa.

**376.2.5** 375.3.5 Is-Sindku qal li kien hemm applikazzjoni mis-sidien biex dan il-post in kwistjoni jiġi restawrat, bil-kundizzjoni li jinżamm fl-istat oriġinali fost oħrajn. Għalhekk qed jipproponi li l-appell jitwaqqa'. Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li ma tistax tinbidel deċiżjoni tal-Kunsill f'dan l-istadju jekk mhux f'Seduta b'urġenza, b'item speċifiku fuq l-aġenda. Is-Sindku propona li ssir Seduta b'urġenza bl-Aġenda: Riżoluzzjoni Speċjali rigward l-appell fuq PC/0004/19 - *Change in alignment to retain road layout as per existing road configuration to date at 69, Triq ir-Ramija, Siggiewi*, nhar is-Sibt 7 ta' Settembru 2019 fil-11.00am. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**376.2.6** 375.10 Il-Kunsillier Adrian Farrugia ssuġġerixxa li jiżdiedu set ta' bins tar-riċiklaġġ (bring-in-site) fi triq Blat il-qamar, fl-area tal-parkeġġ quddiem iċ-ċimiterju. Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li l-aħjar issir konsultazzjoni mal-Arċipriet rigward dan.

**376.2.7** 375.11 Is-Sindku qal li l-Kumitat iltaqa' u beda l-istudju fuq sistema tal-immaniġjar tat-traffiku. Il-Kumitat qabel li ssir konsulta pubblika mar-residenti. Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li l-Fondazzjoni Aegle bħalissa qed jagħmlu studju fuq it-tnaqqis tat-traffiku fiż-żoni urbani biex titjieb il-kwalita' tal-arja u jitnaqqas it-tniġġiż. Hija ssuġġeriet li l-Kunsill jikkollabora f'dan il-proġett. Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit irrimarkat li minkejja li kien hemm qbil li tiġi mistiedna għal-laqgħat dwar il-materja, filfatt ma ġietx mistiedna. Is-Sindku skuża ruħu u qal li se tibda tiġi mistiedna għal dawn il-laqgħat.

376.2.8 375.12 Il-Kunsillier Adrian Farrugia qal li l-attivita' ta' festa għeneb kienet suċċess. Huwa rringrazzja lil kull min ta s-sehem tiegħu, speċjalment lill-bosta volontarji u lill-għaqdiet li flimkien ikkollaboraw u kellhom sehem fis-suċċess tal-attivita', filwaqt li qal li dejjem hemm lok għal titjib, u għalhekk flimkien mal-Kumitat qed jilqa' s-suġġerimenti tal-pubbliku biex jiġu kkunsidrati għal attivitajiet futuri.

376.2.9 375.17.6 Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit staqsiet jekk kienx hemm żviluppi dwar din l-materja. Is-Sindku nfurmaha li qed tiġi diskussa ma' materji oħra fil-Kumitat tal-Immaniġġjar tat-traffiku. Il-Kunsilliera Psaila Zammit talbet li jsiru l-yellow lines mingħajr dewmien minħabba periklu fiż-żona.

376.2.10 375.17.10 Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li għandu jitniżżel fil-Minuti li hija ħarġet mis-Seduta qabel ġew diskussi items 375.17.9 u 10. Hija qalet li fuq dawn il-punti għandu jkun hemm diskussjoni u jkunu temi fuq l-aġenda qabel issir xi talba lid-dipartiment tal-Artijiet. Il-Kunsillier Adrian Farrugia iċċara li l-iskop huwa li l-art titnaddaf peress li kif qegħda preżentement qegħda ta' inkonvenjent kbir għar-residenti taż-żona, u anka tkerraħ l-ambjent tal-madwar. Peress li minn informazzjoni l-art hija tad-Dipartiment tal-Artijiet, propona li jintalab permess biex tiġi mnaddfa u mħawwla b'siġar.

376.2.11 375.17.3 Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li l-attivita' ma saritx minħabba li l-Animal Welfare kellhom impenji oħra dak inhar. Hija qalet li ssir iktar 'il quddiem.

Is-Sindku propona li jiġu approvati l-Minuti. Il-Kunsillier Julian Borg issekonda. Il-Minuti ġew approvati unanimament.

376.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

376.3.1 Is-Sindku qal li ġie infurmat mis-Siġġiewi Football Club li għal anniversarju tal-għaqda ser issir ġurnata attivitajiet, nhar il-21 ta' Settembru. Il-Kunsilliera huma mistiedna jattendu.

376.3.2 Is-Sindku qal li għalkemm l-applikazzjoni sottomessa mill-Kunsill għal kompetizzjoni tal-European Mobility Week ma ġietx milqugħa, flimkien mal-Kunsilliera Francine Farrugia ser isiru xi attivitajiet li kienu ġew proposti fosthom focus group fuq il-mixi fil-lokalita', kif ukoll clean up event u mixja.

376.4 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju April-Ġunju 2019

Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat kopja tar-Rapprt Finanzjarju għat-teni kwart tas-sena April-Ġunju 2019. Hija spjegat li dan ir-rapport juri l-pożizzjoni finanzjarja sal-31/6/2019. Is-Sindku propona li r-rapport jiġi approvat. Il-Kunsill unanimament approva.

376.5 Laqgħa Pubblika – Tħejjija għal Pjan ta' Ħidma ta' 5 snin

Is-Sindku propona li l-laqgħa pubblika biex jiġi diskuss il-Pjan ta' Ħidma għal-5 snin li ġejjin, issir it-Tnejn 21 t'Ottubru 2019 fis-6.30pm. Il-Kunsill unanimament qabel.

376.6 **Measure 4 – Development of Green Infrastructure – Majjistral Action Group**

Is-Sindku infurma lill-Kunsill li l-applikazzjoni għal proġett tal-inħawi ta' San Niklaw sottomess taħt l-iskema 'Development of Green Infrastructure' kif approvat mill-Kunsill preċedenti, ġie aċċettat. Għalhekk ġew approvati €50,000 għat-twettieq. Il-proġett ser ikun finanzjat 80% mill-iskema u 20% mill-fondi tal-Kunsill. Is-Sindku informa li l-Kunsill issottometta applikazjoni lill-Awtorita tal-Artijiet għall-iżvilupp.

376.7 **Skema ta' għajnuna għal attivitajiet kulturali, sportivi u mużikali – Reġjun Nofsinhar**

Is-Sindku infurma li r-Reġjun Nofsinhar kien nieda skema ta' €2500 għal għajnuna għal attivitajiet kulturali, sportivi u mużikali. Huwa propona li l-Kunsill japplika għal attivita ta' Pjazza Milied. L-applikazzjonijiet iridu jiġu sottomessi sat-30 ta' Settembru 2019.

376.8 **Għajnuna lill-KL għal użu ta' faċilitajiet tal-iskejjel tal-istat barra l-ħinijiet tal-iskola – Reġjun Nofsinhar**

Is-Sindku infurma li r-Reġjun Nofsinhar nieda skema ta' €1000 għal użu ta' faċilitajiet tal-iskejjel tal-istat barra l-ħinijiet tal-iskola, għal sessjonijiet ta' taħriġ, attivitajiet ta' eżerċizzju fiżiku u edukazzjoni sportiva, attivitajiet kulturali ta' arti, mużika u drama jew laqgħat għall-komunita' li ssir sal-31 ta' Diċembru 2019. Is-Sindku qal li l-Kunsill preżentement jagħmel użu mill-binja taċ-Ċentru Ċiviku għall-lezzjonijiet u attivitajiet ta' wara l-ħin peress li hija ċentrali u aċċessibbli għal kulħadd. Huwa ssuġġerixxa li nistħarrġu l-possibilta' jekk dawn il-fondi jistgħux jintużaw fuq affarijiet oħra li l-Kunsill jista jibbenefika minnhom.

376.9 **Skema dwar restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi (SPI/SCI/12/2019)**

Is-Sindku qal li flimkien mal-Kunsillier Dominic Grech kien iffinalizza s-sottomissjoni għall-applikazzjoni għall-iskema tar-restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi. Wara li ġew identifikati bosta siti storiċi mas-Siġġiewi, ġiet rakomandata il-kappella taċ-Ċwerra fi Pjazza San Nikola. Din il-kappella li qegħda f'post prominenti u ġiet restawrata fl-2004, preżentement qed toħloq periklu peress li biċċiet mill-faċċata iddeterjoraw u qed jaqgħu. Is-Sindku kompla jgħid li peress li l-iskema tkopri biss ir-restawr tal-faċċata, huwa rrakkomanda lill-Perit tad-Dipartiment tar-restawr biex tiġi rranġata wkoll il-ħsara tal-ġnub.

Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li l-Kunsilliera kellhom jiġu kkonsultati fuq l-għażla tal-post u jintalbu iressqu l-proposti tagħhom u mhux jiġu infurmati wara li tiġi sottomessa lapplikazzjoni. Il-Kunsillier Francine Farrugia qalet li xtaqet li jkun hemm konsultazzjoni mal-Kunsilliera fuq din l-applikazjoni, anka peress li hemm monumenti storiċi oħra li għandhom bżonn restawr fosthom iċ-ċimiterju ta' San Dawdar. Is-Sindku wieġeb li din l-applikazzjoni saret fid-dawl tal-urġenza għal bżonn ta' restawr tal-kappella, u li l-Kunsill xorta jista jressaq ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu għar-restawr ta' dawn is-siti lill-Ministeru responsabbli.

376.10 **Parteċipazzjoni fil-European Week of Regions and Cities 2019 fi Brussell**

Is-Sindku infurma li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu ġew nominati biex jirrappreżentaw ir-Reġjun Nofsinhar fil-European Week of Regions and Cities 2019 fi Brussell, mis-7 sad-9 t'Ottubru 2019. F'din l-attivita' ser ikun hemm rappreżentanza minn kull Reġjun. Huwa talab lill-Kunsill japprova l-ispiża tat-titjira.

Il-Kunsill approva unanimament.

**376.11 Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvillup fis-Siġġiewi.

**376.11.1** Is-Sindku qal li għandha tintalab informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' barriera f'Ta Dmejrek PA06015/19. Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li l-Kunsill kien għamel appell b'rabta ma' din l-barriera u l-Perit kien Carmel Cacopardo. Hi qalet li ż-żmien stipulat għas-sottomissjonijiet kien ftit jiem wara l-laqgħa tal-Kunsill Lokali u għalhekk kien hemm żmien limitat.

**376.12 Rapport tal-Korrispondenza**

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżentat r-rapport tal-korrispondenza li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**376.12.1** Is-Sindku preżenta stedina mingħand ir-Reġjun Nofsinhar għat-tnedija uffiċjali tal-ktieb 'Id-Devozzjoni u l-Kult Marjan' fit-13 ta' Settembru 2019 fis-7.00ta' filgħaxija. Min hu interessat jattendi għaċ-ċerimonja għandu jinfurma lis-Segretarju Eżekuttiv.

**376.12.2** Is-Sindku preżenta talba għal permess għall-attivita' annwali mid-Dar tal-Providenza nhar is-Sibt 7 ta' Diċembru 2019, fi Pjazza San Nikola.

**376.12.3** Il-Kunsillier Julian Borg irrefera għal talba mill-Perit F. Baldacchino (PA/04967/18) fejn propona pjan ta' loġistika għal żvilupp fi Triq Salvu Curso, fosthom diversi zebra crossings temporanji. Huwa propona li jiltaqa' l-Kumitat Infrastruttura dwar dan.

**376.12.4** Contract Manager
Is-Sindku rrefera għal Direttiva 3/2019 mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, fejn timplika obbligatorju l-ingaġġ ta' contracts manager f'kull Kunsill Lokali, skond ir-regolamenti dwar l-Akkwist Pibbliku (L.S.174.04) u skond Linji Gwida tal-Akkwisti mill-Kunsilli Lokali maħruġa ma' Direttiva 3/2017. Għalhekk, is-Sindku propona li jibda l-proċess biex jiġi ingaġġat Contracts Manager. Il-Kunsill unanimament qabel.

**376.13 Rapport tal-ilmenti**

Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**376.14 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.

Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova il-lista tal-pagamenti. Il-Kunsillier Adrian Farrugia issekonda u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

376.15 **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**376.15.1** Il-Viċi Sindku Rodianne Haber infurmat li flimkien mas-Sotto Kumitat Żagħżagħ u s-Sotto Kumitat Tfal qed jiġi pjanat clean-up fil-bajja ta' Għar Lapsi nhar l-Erbgħa 11 ta' Settembru 2019. Is-suġġett prinċipali ta' din l-attivita' ser ikunu il-loqom tas-sigaretti, biex titqajjem kuxjenza li dawn jagħmlu ħsara lil fauna speċjalment jekk jispiċċaw fil-baħar. Ser ikun qed isir tindif mil-loqom mill-għar u l-blat tal-bajja. Grupp ta' studenti universitaji urew l-interess għal kollaborazzjoni u li ser jipparteċipaw permezz ta' tindif mill-qiegħ tal-baħar. Hija proponiet li jinxtraw numru ta' pocket-ash trays u jitqassmu lil dawk preżenti bħala għarfien. Il-Kunsill unanimament qabel.

**376.15.2** Il-Kunsillier Julian Borg qal li irċieva ilment minn residenti fi Triq il-Mitħna li quddiemhom għandhom bus-stop. Dan il-bus-stop kien ġie spustjat peress li fejn kien qiegħed kien ser isir żvilupp. Issa li l-iżvilupp lest, ir-residenti qed jitolbu li jerġa jitressaq fejn kien. Wara diskussjoni għal aħjar post fejn tista tersaq il-bus-stop, ġie ssuġġerit li jiġi kkunsidrat ukoll li l-bus-stop tersaq fi Pjazza San Ġwann. Il-Kunsillier Borg propona li flimkien mas-Sindku issir site-inspection mal-uffiċċjali ta' Transport Malta biex tinstab l-aħjar rilokazzjoni.

**376.15.3** Il-Kunsillier Julian Borg qal li rċieva talba minn residenti fi Triq Sta. Margerita biex titranġa l-bankina quddiem bieb ta' remissa li tintuża bħala garage. Is-Sindku propona li ssir site inspection mas-Sindku u mal-Kuntrattur.

**376.15.4** Il-Kunsillier Julian Borg qal li r-reserved parking allokat għal banka tal-lottu fi Triq Ramija mhux miżbuħ bil-kitba 'Reserved for Lotto Office' iżda qiegħed biss kaxxa safra. Huwa talab li ssir talba lil TM biex isir kif suppost.

**376.15.5** Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li hemm kaxxa safra kkanċellata fi Triq il-Kbira li qed tinkixef. Hija talbet li terġa titgħatta biż-żebgħa sewda.

**376.15.6** Il-Kunsillier Psaila Zammit staqsiet lill-Viċi Sindku jekk hix sa tbiddel l-isem tal-Kunsill Lokali Tfal. Hija rreferiet għall-mozzjoni approvata f'Seduta 350 tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku qalet li bi ħsiebha tibqa għaddejja b'ħidma attiva' bħall-Kunsill preċedenti mal-Kunsill Lokali tat-Tfal, u l-bidla proposta hija biss fl-isem u jkun wieħed li jirrifletti ix-xewqa tat-tfal.

**376.15.7** Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit irreferiet għal konferenza Stampa mill-Ministru Ian Borg fit-30 t'Awwisu 2019 f'Għar Lapsi, għal liema konferenza stampa hija ġiet infurmata dak inhar stess. Hija kienet infurmata li l-Ministeru kien bagħat email lill-Kunsill lejliet li ma laħqitx ġiet iċċirkulata lill-kunsilliera kollha. Hija qalet li kien nuqqas mis-Sindku li ma jaċċertax li l-Kunsilliera kollha jkunu infurmati. Hija saqsiet lill-Viċi Sindku jekk kinetx taf b'dan l-invit u meta saret taf. Il-Viċi Sindku qalet li saret taf b'mod mhux uffiċjali mis-Sindku lejliet. Il-Kunsilliera Psaila Zammit saħqet li dan il-proġett kien frott ħidma tal-Kunsill Lokali preċedenti, u li issa jkun jista' jitgawda l-frott tiegħu. Għalhekk huwa fid-dmir li l-poplu jiġi infurmat b'informazjoni korretta.

Il-Kunsillier Julian Borg ħareġ fit-8.30pm.

**376.15.8** Il-Kunsilliera Francine Farrugia staqsiet lill-Viċi Sindku b'liema kriterju intagħżlu l-membru tal-Kunsill Lokali Żagħżagħ u Kunsill Lokali Tfal. Il-Viċi Sindku wieġbet li ġew ikkuntattjati it-tfal u żagħżagħ li diġa kienu membri fil-Kunsill preċedenti, filwaqt li min wera x-xewqa seta' wkoll jiġi inkluż. Filfatt hemm numru sabiħ ta' żagħżagħ u tfal li flimkien qed juru entużjażmu biex jaħdmu flimkien. Hija stiednet lill-Kunsilliera Farrugia biex jekk taf lil xi ħadd li hu interessat jista' jagħmel kuntatt magħha.

**376.15.9** Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li peress li l-Bajja ta' Għar Lapsi mhix dikjarata bħala dog-friendly beach, u hemm is-sinjali, dawn mhux qed jiġu rispettati. Hija qalet li hemm talba minn diversi residenti sabiex jinstab post alternattiv biex ikunu jistgħu jinżlu l-baħar bil-klieb. Is-Sindku qal li qed isiru diskuzzjonijiet mal-MTA biex jiġi kkunsidrat post alternattiv. Il-Kunsillier Farrugia talbet li tkun aġġornata dwar dan.

**376.15.10** Il-Kunsillier Dominic Grech qal li ġie avviċinat mil-Madre tal-Iskola St. Francis li fil-ġimgħat li ġejjin ser jibda r-restawr fuq il-faċċata tal-binja fi Triq il-Kbira. Huwa qal li ser ikun hemm bżonn armar ta' scaffolding biex tiġi restawrata il-faċċata. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet li jiġu l-Uffiċċju ħalli isiru l-proċeduri neċessarji biex jinħareġ il-permess.

**376.15.11** Il-Kunsillier Dominic Grech qal li għalkemm tpoġġew il-bollards fi Triq l-Imqabba, xorta hemm periklu kbir peress li t-triq qegħda fi stat li tisfronda. Huwa ħeġġeġ li l-Kunsill jagħmel il-pressjoni neċessarja ma' Infrastructure Malta biex isir ix-xogħol proġettat ta' kostruzzjoni mill-ġdid tat-triq b'urġenza.

**376.15.12** Il-Kunsillier Grech qal li kien hemm diversi toroq li fl-ewwel Tnejn tax-xahar ma nġabarx il-ħġieġ skond l-iskeda. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet li jiġu indikati t-toroq ħalli jiġi notifikat il-kuntrattur.

**376.15.13** Preżentazzjoni tal-membri tal-Kumitati

Is-Sindku stieden lill-Kunsilliera jippreżentaw l-ismijiet tal-membri tas-Sotto-Kumitati rispettivi.

Is-Sindku beda bil-membri tal-Kumitat Infrastruttura: Il-Kunsillier Julian Borg, il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit, Il-Perit Matthew Briffa, Bjorn Bonello, Charles Vassallo

Il-Kumitat Sport u Attivita' Fiżika: Nicholas Sciberras, Robert Portelli, Joseph Grima, Robert Camilleri

Il-Kunsilliera Francine Farrugia preżentat il-membri tal-kumitati:

Ħarsien tad-drittijiet tal-Annimali: Joanna Pullicino

Inizjattivi Soċjali u Integrazzjoni Soċjali: Dorianne Bonello, Eman Borg

Proġetti fil-Komunitajiet: Claudine Ebejer

Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit preżentat l-ismijiet tal-Kumitati taħt ir-responsabbilta' tagħha: Grace Falzon, George Said Zammit, Joseph Grima u Matthew Briffa. Hija qalet li mhux kulħadd kien laħaq ikkonferma.

Il-Kunsilliera ma eskludewx li jistgħu jiġu inklużi membri oħra għal attivitajiet, jew sitwazzjonijiet partikolari.

376.16 **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fid-8.45pm.

Is-Sindku propona li ssir Seduta b'urġenza. Rreferi għal item 376.2.

**Is-**

Is-Sindku propona li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tnejn 30 ta' Setembru 2019 fis-6.00pm.
Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Konfermati, illum 30 ta' Settembru 2019

| | |
|---|---|
| Dr Kurstein N. Sant | Ritienne Giorgino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |